MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tas-27 ta' April, 2007

Talba Numru. 280/2004

**James Eddleston**

**Vs**

**Herbert Camenzuli u Vere Farrugia**

**It-Tribunal**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta` Frar, 2004 fejn intalab li l-konvenuti jew min minnhom jigu kkundannati jhallsu lill-attur is-somma ta` hames mija u tmintax il-lira u hamsin centezmu (Lm518.50) rapprezentanti danni subiti f'incident stradali li sehh fil-Mellieha nhar it-12 ta` Mejju, 2003 fil-vettura ta` l-attur numru BAG 842 per konsegwenza ta` impatt li sehh bejn il-vetturi tal-konvenuti Vere Farrugia numru VER 002 u dik ta` Herbert Camenzuli numru ROM 831 ghal liema ncident il-konvenuti jew min minnhom kienu unikament responsabbli.

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta` ittra ufficcjali datata 17 ta` Novembru, 2003 u ta` ittra ufficcjali ohra prezentata kontestwalment ma` dan l-avviz ghan-notifika ta` l-assikurazzjoni tal-konvenuti a tenur tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta` Malta u bl-imghax legali b'effett mis-17 ta` Novembru 2003 sad-data ta` l-effettiv pagament.

Ra r-risposta tal-konvenut Herbert Camenzuli datata 12 ta` Marzu, 2004 fejn ikkontesta r-responsabbilita` ta` l-incident stradali u noltre sejjah lill-attur sabiex iressaq il-prova tad-danni rejalment subiti. B'riserva ghal prezentata ta` eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra r-risposta tal-konvenuta Vere Farrugia datata 30 ta` Lulju, 2004 fejn fl-ewwel lok sejhet ghal korrezzjoni ta` isimha u noltre fit-tieni lok ikkontestat ir-responsabbilita` ta` l-incident rigwardanti l-hsarat tal-attur peress illi meta hija dahlet fil-vettura ta` l-konvenut Herbert Camenzuli dan ta` l-ahhar kien gia` mahbut ma` dik ta` l-attur.

Illi l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenuta Farrugia giet irtirata wara li saret korrezzjoni f'isimha biex tigi tinqara Vere minn flok Vera.

Ra l-provi prodotti nkluz id-dokumenti esebiti.

Sema` it-trattazzjoni orali tal-abbli difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi l-kollizzjoni meritu ta` dina l-kawza kienet tinvolvi erba` vetturi. Dik ta` l-attur kienet it-tieni wahda, dik ta` l-konvenut Herbert Camenzuli t-tielet u ta` Vere Farrugia l-ahhar wahda. L-vetturi kienu lkoll telghin fit-telgha tal-Mellieha fi triq traffikuza mixjin fid-direzzjoni tal-Belle View.
L-attur jirrakkonta li hekk kif kien tiela` bil-mod il-mod fit-traffiku bil-vetturi quddiemu u warajh ihoss f'daqqa wahda daqqa kbira fuq in-naha ta` wara li bid-daqqa ntefa` fuq il-vettura ta` quddiemu. It-tliet vetturi waqfu hesrem u s-sewwieqa hargu biex jaraw il-hsara. Meta kienu wieqfa

dahlet fihom ir-raba` karozza misjuqa minn Farrugia fil-vettura ta` Camenzuli. Intlew b'kollox ghalhekk tliet formoli bumper to bumper Dok JE1, JE2 u JE3.

Il-vettura ta` l-attur kienet assikurata third party biss u ghalhekk l-ispejjes harighom kollha hu liema stess huma dawk mitluba hawn f'dawn il-proceduri u jinsabu koperti permezz tal-ircevuti hawn annessi mmarkati Dok JE6, JE7 u JE8. In kontro-ezami jikkonferma li huwa kien hass daqqa wahda fil-mument ta` l-impatt u li l-vetturi kienu lkoll telghin bil-mod ghat-telgha.

Jessica Mckay li kienet riekba ma` l-attur ikkonfermat bi precizjoni il-verzjoni tal-fatti rakkontati mill-attur inkluz dik li hasset daqqa wahda kbira.

Il-konvenut Herbert Camenzuli jirrakkonta li hu wkoll kien tiela` bil-mod lejn il-Mellieha fit-traffiku. Huwa jallega li l-landrover misjuqa mill-attur waqfitlu f'daqqa u kwindi huwa applika l-brakes u ghamel manuvra biex jieqaf kif fil-fatt irnexxielu li jaghmel pero` immedjatament hass daqqa kbira fuq wara li tefghitu fuq il-landrover ta` l-attur. Huwa jinnega li l-vettura tieghu habtet darbtejn.

Il-konvenuta Vere Farrugia wkoll tghid li hija kienet tiela` bil-mod fit-traffiku lejn il-Mellieha u kienet miexja b'xi 15 jew 20 km/h. F'hin minnhom innotat li t-traffiku waqaf hesrem u rrejalizzat li l-vettura ta` quddiemha kienet habtet. Hija ppruvat taghmel manuvra evasiva biex ma tahbatx pero` xorta wahda sehh l-impatt bejnha u bejn dik tal-konvenut Camenzuli. Il-konvenuta Farrugia tezebixxi sett ta` erba ritratti tnejn immarkati Dok VF 1 li juru l-hsarat sofferti fil-vettura taghha u tnejn ohra mmarkati Dok VF2 li jindikaw il-hsarat sofferti fil-vettura tal-konvenut Camenzuli kemm minn naha ta` quddiem u kif ukoll minn naha ta` wara.

Illi t-Tribunal huwa tal-fehma illi meta l-konvenuta Farrugia habtet mal-konvenut Camenzuli dan ta` l-ahhar kien gia` mahbut mal-vettura ta` l-attur. Dana jirrizulta mhux biss mill-mod kif xehdu l-partijiet quddiem dan it-Tribunal izda wkoll minn cirkostanzi ohra materjali li jaghtu ferm aktar

kredibbilita` lill-konvenuta Farrugia milli mill-verzjoni li pprova jressaq il-konvenut Camenzuli.

L-attur xehed li l-konvenuta Farrugia dahlet fuq it-tielet karozza cioe` dik ta` Camenzuli wara li kien gia` sehh l-impatt fuq il-vettura tieghu u l-vetturi kienu weqfin. Illi sew l-attur kif ukoll il-passiggiera li kellu mieghu t-tnejn xehdu li hassew daqqa wahda. Barra minnhekk it-Tribunal sab lill-konvenuta Farrugia aktar kredibbli fl-espozizzjoni u kontenut tax-xhieda taghha minn dik esposta mill-konvenut Camenzuli.

Jigu wkoll notati s-segwenti fatturi ferm sinifikanti:-

1. Traffiku miexi bil-mod ferm.
2. Traffiku miexi ghal telgha.
3. Vetturi mixjin vicin ferm ta` xulxin.
4. Il-vettura ta` l-attur u tal-konvenut Camenzuli huwa pjuttost kbar u tqal filwaqt li dik tal-konvenuta Farrugia kienet vettura normali u ehfef. F'dawn ic-cirkostanzi ghalhekk kienet tkun ferm difficli illi vettura zghira miexja bil-mod ghal telgha li tahbat ma` speci ta` vann tal-konvenut Camenzuli u li din titfghu ghal fuq landrover bil-konsegwenza li tkun il-kagun tal-hsarat hemm inflitti.
5. Dan jinsab korroborat mir-ritratti VF2 fejn jidher li l-impatt li safa` Camenzuli fuq wara ma tidhirx daqs tant serja filwaqt li ghandu l-parti ta` quddiem mifqugh bid-daqqa li kellu mal-landrover ta` l-attur.

Ghal dawn il-mottivi it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jiddikjara li l-konvenut Herbert Camenzuli kien unikament responsabbli ghal hsarat li gew ikkagunati fil-vettura ta` l-attur fl-incident meritu tal-kaz odjern kwindi filwaqt li jilqa` l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuta Farrugia jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut Camenzuli, jilqa` it-talbiet attrici fil-konfront ta` l-istess konvenut Camenzuli u konsegwentement ghalhekk jikkundanna lill-konvenut Herbert Camenzuli sabiex ihallas lill-attur is-somma mitluba ta` hames mija u tmintax il-lira u hamsin centezmu bl-imghax legali dekorribbli mis-17 ta` Novembru, 2003 u bl-ispejjes kollha ta` din l-istanza a karigu ta` l-istess konvenut Camenzuli.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------